SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

26 ta' Jannar 2017 [1]

"Appell — FAEŻR — Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea — Regolamenti (KE) Nru 1698/2005, (KE) Nru 1975/2006 u (KE) Nru 796/2004 — Miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali — Żoni ta' żvantaġġ naturali — Kontrolli fuq il-post — Koeffiċjent ta' densità tal-bhejjem — Għadd ta' annimali"

Fil-Kawża C-373/15 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-10 ta' Lulju 2015,

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata inizjalment minn F. Alabrune, G. de Bergues u D. Colas kif ukoll minn C. Candat, sussegwentement minn MM. de Bergues, Colas u F. Fize kif ukoll minn A. Daly, bħala aġenti,

appellanti,

sostnuta minn:

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn A. Sampol Pucurull, bħala aġent,

intervenjent fl-appell,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn D. Bianchi u G. von Rintelen, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President tal-Awla, J. Malenovský u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

1 — Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, ir-Repubblika Franċiża titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' April 2015, Franza vs Il-Kummissjoni (T-259/13, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2015:250), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħha għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/123/UE, tas-26 ta' Frar 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2013, L 67, p. 20, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005

2 L-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, tal-20 ta' Settembru 2005, dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2010,L 286M, p. 26), jipprevedi:

"L-appoġġ għall-iżvilupp rurali għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi li ġejjin:

[...]

(b) it-titjib tal-ambjent u l-kampanja permezz ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-art".

3 Taħt it-Titolu IV tar-Regolament Nru 1698/2008, intitolat "Appoġġ għall-iżvilupp rurali", il-Kapitolu I ta' dan tal-aħħar, dwar l-"Assi", jesponi, f'kull waħda mill-erba' taqsimiet li jikkomponuh, id-diversi oqsma ta' intervent u l-miżuri li jistgħu jintużaw. It-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu I, intitolata "Assi 2 Titjib tal-ambjent u tal-kampanja" tinkludi b'mod partikolari l-Artikolu 36, li jiddisponi fil-punt (a), (i) u (ii) tiegħu:

"L-appoġġ taħt din it-taqsima għandu jikkonċerna:

(a) miżuri mmirati lejn l-użu sostenibbli tal-art agrikola permezz ta':
   (i) pagamenti għal żvantaġġi naturali lill-bdiewa f'żoni tal-muntanji;
   (ii) pagamenti lill-bdiewa f'żoni żvantaġġati, minbarra żoni tal-muntanji".

4 L-Artikolu 37(1) u (2) tar-Regolament Nru 1698/2005 huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-pagamenti previsti fl-Artikolu 36(a)(i) u (ii) għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru ta' żona agrikola utilizzata [...] fis-sens tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/115/KE tal-24 ta' Novembru 1999 rigward id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi, il-lista ta' prodotti agrikoli, l-eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet u r-reġjuni u d-distretti rigward l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-ażjendi agrikoli [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 28, p. 241)].

Il-pagamenti għandhom jikkumpensaw għall-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf tal-bdiewa relatati mal-iżvantaġġ għall-produzzjoni agrikola fiż-żona kkonċernata.

2. Il-pagamenti għandhom jingħataw lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom fl-attività tagħhom ta' biedja f'żoni delimitati skont l-Artikolu 50(2) u (3) għal mill-inqas ħames snin mill-ewwel pagament."

5 L-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 1698/2005, intitolat "Eliġibbiltà tan-nefqa", jipprovdi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribut tal-FAEŻR unikament meta magħmula għal operazzjonijiet deċiżi mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm inkwistjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha, f'konformità mal-kriterji ta' selezzjoni stabbiliti mill-korp kompetenti."

Ir-Regolament (KE) Nru 1975/2006

6 L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1975/2006, tas-7 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll kif ukoll il-konformità reċiproka rigward il-miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali (ĠU 2008 L 330M, p. 455) intitolat "Il-prinċipji ġenerali tal-kontroll", jiddisponi, fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji ta' l-eliġibbiltà kollha stabbiliti mill-[Unjoni] jew bil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew permezz ta' programmi għall-iżvilupp rurali għandhom ikunu kontrollati skond sett ta' indikaturi verifikabbli li jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Fejn ikun possibbli, fl-istess waqt għandhom isiru l-verifiki fuq il-post previsti fl-Artikoli 12, 20 u 27 kif ukoll verifiki oħra previsti fir-regolamenti [tal-Unjoni] dwar is-sussidji agrikoli."

7 Mill-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament Nru 1975/2006 jirriżulta li, minn naħa, it-Titolu I ta' dan ir-regolament japplika għall-għajnuna mogħtija b'applikazzjoni tal-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 1698/2005, fejn dik ibbażata fuq id-daqs tas-superfiċje ddikjarata tissejjaħ "miżuri relatati mas-superfiċje". Min-naħa l-oħra, dawn l-artikoli jipprevedu li diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003[, tad-29 ta' Settembru 2003,] li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 972/2007, tal-20 ta' Awwissu 2007 (ĠU L 2007, p. 3, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 796/2004"), japplikaw *mutatis mutandis* għall-finijiet tal-imsemmi Titolu I.

8 L-Artikolu 10(1) sa (4) tar-Regolament Nru 1975/2006 jipprevedi:

"1. L-applikazzjonijiet għas-sostenn u t-talbiet għall-ħlas sussegwenti għandhom jiġu verifikati b'mod li tiġi żgurata l-verifika effettiva tal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' sostenn.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu metodi u mezzi adattati sabiex jivverifikaw l-kundizzjonijiet għall-għoti tas-sostenn għal kull miżura ta' sostenn.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll […].

4. Il-verifika tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà għandha tikkonsisti f'verifiki amministrattivi u fuq il-post."

9 L-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-verifiki fuq il-post", jiddisponi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-Artikolu 26(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 għandu japplika għall-verifiki fuq il-post previsti f'dan l-artikolu."

10 Skont l-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament, intitolat, "Il-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw il-verifiki fuq il-post":

"1. Il-verifiki fuq il-post għandhom ikunu mifruxa matul is-sena fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskji li tiġi ppreżentata mir-rabtiet differenti taħt kull miżura ta' żvilupp rurali.

2. Il-verifiki fuq il-post għandhom ikopru r-rabtiet u l-obbligi kollha ta' benefiċjarju li jkun jista' jiġi verifikat fil-waqt taż-żjara."

11 L-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1975/2006, intitolat "Elementi tal-verifiki fuq il-post u d-determinazzjoni tas-superfiċje", jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. Rigward il-kontrolli li jikkonċernaw miżuri relatati mas-superfiċje, il-verifiki fuq il-post għandhom isiru skond l-Artikoli 29, 30 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

[…]

3. Rigward il-kontrolli li jikkonċernaw miżuri relatati ma' l-annimali, il-verifiki fuq il-post għandhom isiru skond l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004."

Ir-Regolament Nru 796/2004

12 It-Taqsima II tar-Regolament Nru 796/2004, dwar l-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll, tinkludi t-Titolu III dwar il-kontrolli. Il-Kapitolu II ta' dan it-titolu, intitolat "Kontrolli fir-rigward ta' kriterji ta' eliġibilità", jinkludi t-Taqsima II dwar il-verifiki fuq il-post. Din it-taqsima tinqasam f'diversi sub-taqsimiet, fosthom b'mod partikolari is-Sub-taqsima I, intitolata "Dispożizzjonijiet komuni", li tinkludi l-Artikoli 25 sa 28 ta' dan ir-regolament, is-Sub-taqsima II, intitolata "Verifika fuq il-post u applikazzjonijiet waħdiena fir-rigward skemi ta' għajnuna relatati ma' żona", li tinkludi l-Artikoli 29 sa 33 tal-imsemmi regolament, u s-Sub-taqsima III, intitolata "Verifiki fuq il-post ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-bhejjem tal-irziezet", li tinkludi l-Artikoli 34 sa 39 ta' dan tal-aħħar.

13 L-Artikoli 29, 30 u 32 tar-Regolament Nru 796/2004, applikabbli għall-għajnuna intiża għat-titjib tal-ambjent u l-kampanja skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1975/2006, jistabbilixxu l-modalitajiet tal-kontrolli fuq il-post u tad-determinazzjoni tas-superfiċji għall-miżuri "relatati mas-superfiċje".

14 L-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004 jipprovdi:

"1. Il-verifiki fuq il-post għandhom ikopru l-bhejjem tal-irziezet kollha li dwarhom ikunu ntbagħtu applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt l-iskemi ta' għajnuna li għandhom jiġu verifikati u, fil-każ ta' verifiki tal-iskemi ta' għajnuna għall-bovini, ukoll in-numru ta' annimal bovini li ma ssirx talba dwarhom.

2. Il-verifiki fuq il-post għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) verifika li n-numru ta' annimali presenti fl-azjenda li għalihom ikunu ntbagħtu applikazzjonijiet għall-għajnuna u n-numru ta' annimali bovini li dwarhom ma tkunx saret talba ikun jikkorrisspondi man-numru ta' annimali mdaħħal fir-reġistri u, fil-każ ta' annimali bovini, in-numru ta' annimali notifikati lid-*database* komputerizzatta għall-annimali bovini;

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 885/2006

15 L-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006, tal-21 ta' Ġunju 2006, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (ĠU 2008, L 322M, p. 162) jiddisponi:

"L-Istat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-miżuri korrettivi li jkun ħa biex jiżgura l-konformità mar-regoli Komunitarji u bid-data effettiva ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

Wara li tkun eżaminat kwalunkwe rapport imħejji mill-Korp ta' Konċiljazzjoni skond il-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta, jekk ikun meħtieġ, deċiżjoni waħda jew aktar skond l-Artikolu 31 tar-Regolament [tal-Kunsill] (KE) Nru 1290/2005[, tal-21 ta' Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU 2005, L 206, p. 1)] sabiex teskludi mill-finanzjament Komunitarju l-infiq li sar minħabba n-nuqqas ta' konformità mar-regoli Komunitarji sakemm l-Istat Membru jkun effettivament implimenta l-miżuri korrettivi.

Meta tevalwa l-infiq li għandu jiġi eskluż mill-finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni tista' tqis kwalunkwe informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru wara li jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2, jekk dan ikun meħtieġ għal stima aħjar tad-dannu finanzjarju kkawżat lill-baġit Komunitarju, sakemm it-trażmissjoni tard ta' l-informazzjoni tkun iġġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali."

Id-dritt Franċiż

16 Iċ-ċirkulari DGPAAT/SDEA/C2008-3016 tal-5 ta' Settembru 2008 tesponi l-kundizzjonijiet regolamentari tal-ħlasijiet kumpensatorji għall-iżvantaġġi naturali (iktar 'il quddiem l-"ICHN") għas-sena 2008 (iktar 'il quddiem iċ-"ċirkulari ICHN").

17 Il-punt 7.2 ta' din iċ-ċirkulari, intitolat "Il-kontrolli fuq il-post", jipprevedi li dawn il-kontrolli jinkludu tliet partijiet, l-ewwel waħda dwar ir-realtà tas-superfiċji li hija s-suġġett ta' talba għal għajnuna ICHN, it-tieni waħda dwar l-impenji tal-benefiċjarju tal-għajnuna minbarra s-superfiċji u t-tielet waħda dwar id-dikjarazzjonijiet online. Fil-kuntest tal-kontroll fuq il-post ta' impenji oħra minbarra s-superfiċji, dan il-punt 7.2 jispeċifika li għandu b'mod partikolari jsir l-għadd tal-annimali. B'applikazzjoni tas-sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-għajnuna, il-bovini huma kkontrollati taħt l-għajnuna għall-annimali u ma humiex ikkontrollati speċifikament għall-ICHN. L-ovini użati għall-kalkolu tat-tagħbija huma dawk iddikjarati għall-primjum tan-nagħaġ minn talba li għandha dan is-suġġett u ppreżentata fis-sena tas-sottomissjoni tal-fajl tal-ICHN. Għall-applikanti ġodda, l-ovini użati huma kkontrollati permezz tal-għadd tal-annimali preżenti fil-jum tal-kontroll.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

18 Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-kontenut tad-deċiżjoni huma esposti fil-punti 24 sa 39 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, dawn jistgħu jingħabru fil-qosor kif ġej.

19 Skont l-Artikolu 36(a)(i) u (ii) tar-Regolament Nru 1698/2005, l-awtoritajiet Franċiżi adottaw programm ta' żvilupp rurali eżagonali għall-perijodu 2007-2013, li jipprevedi, b'mod partikolari, l-għoti tal-ICHN lill-bdiewa li jinsabu fiż-żoni ta' żvantaġġi naturali. Dan il-programm ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 3446 finali, tad-19 ta' Lulju 2007. Huwa jistabbilixxi li l-ħlas ta' kumpens għal superfiċji tal-għalf għall-bdiewa li jinsabu fiż-żoni ta' żvantaġġ naturali huwa suġġett għall-osservanza minn dawn tal-aħħar ta' kriterju ta' tagħbija. Dan il-kriterju, espress f'unità ta' bhejjem għal kull ettaru (iktar 'il quddiem "UGB"), jippermetti li tiġi llimitata d-densità ta' bhejjem preżenti fuq superfiċji tal-għalf sabiex jiġu evitati l-fenomeni ta' nuqqas ta' mergħa u mergħa eċċessiva. It-tagħbija hija ddefinita fuq livell dipartimentali u hija inkluża bejn limiti definiti skont żona jew sub-żona.

20 Wara l-kontroll tal-infiq magħmul fi Franza għall-miżuri ta' żvilupp rurali, il-Kummissjoni, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, eskludiet mill-finanzjament tal-Unjoni ċertu nfiq iddikjarat minn dan l-Istat Membru minħabba, b'mod partikolari, nuqqasijiet dwar il-kontrolli fuq il-post fuq l-ammonti ta' EUR 21056869.75 u ta' EUR 7898813.60, billi qieset li kien hemm nuqqas f'kontroll ewlieni li għalih kienet prevista korrezzjoni b'rata fissa ta' 5%.

21 Mill-proċedura amministrattiva kollha jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat il-korrezzjoni finanzjarja applikata għall-infiq magħmul għall-miżuri ta' żvilupp rurali fuq il-fatt li l-awditu mwettaq mid-dipartimenti tagħha kien żvela nuqqasijiet fil-qasam tal-kontroll tad-densità tal-bhejjem, imsejjaħ ukoll "rata ta' tagħbija" fis-"setturi" tal-bovini u tal-ovini, li kellha tkun ivverifikata fuq il-post. Issa, billi d-dipartimenti tal-Kummissjoni kkonstataw li r-rata ta' tagħbija ma ġietx ivverifikata matul il-kontrolli fuq il-post, dan kien jikkostitwixxi każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1975/2006.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

22 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Mejju 2013, ir-Repubblika Franċiża ppreżentat rikors għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata.

23 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Ottubru 2013, ir-Renju ta' Spanja ressaq talba sabiex jintervjeni insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Franċiża. Permezz ta' digriet tat-2 ta' Diċembru 2013, il-President tad-Disa' Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza dan l-intervent.

24 Ir-Repubblika Franċiża qajmet tliet motivi insostenn tar-rikors tagħha. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 10(2) u (4) kif ukoll tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1975/2006. It-tieni motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1082/2003, tat-23 ta' Ġunju 2003, li jniżżel regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Numru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' kontrolli li għandhom isiru fil-qafas tas-sistema għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 39, p. 135) u tal-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament Nru 796/2004. Fl-aħħar nett, it-tielet motiv, invokat sussidjarjament, kien ibbażat fuq estensjoni illegali mill-Kummissjoni tal-applikazzjoni tal-korrezzjoni b'rata fissa għall-ażjendi tat-trobbija tal-ovini li ma humiex eliġibbli għall-primjum tan-nagħaġ u għall-ażjendi tat-trobbija ta' annimali bovini kkontrollati fil-kuntest tal-identifikazzjoni tal-annimali bovini jew tal-primjums tal-annimali bovini.

25 Fil-punti 56 sa 63 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li kellha teżamina ż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv flimkien, għar-raġuni li t-tnejn li huma kienu intiżi li jikkonstataw li l-Kummissjoni kienet kisret l-Artikolu 10(2) u (4) kif ukoll l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1975/2006. Għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk dawn id-dispożizzjonijiet kinux jimponu fuq ir-Repubblika Franċiża li twettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post jew jekk kontrolli amministrattivi implementati fid-dawl ta' database, li sabiex ġiet stabbilita kienu twettqu kontrolli fuq il-post, kinux jikkostitwixxu metodi u mezzi adegwati sabiex jivverifikaw il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna.

26 Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punti 64 sa 69 tas-sentenza appellata, li ma jirriżultax espressament mill-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jwettqu l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post. Madankollu, hija qieset li, skont dawn l-artikoli u l-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004 li jipprevedu kontrolli fuq il-post, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni limitat fir-rigward tal-metodi u tal-mezzi adegwati sabiex jivverifikaw il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna.

27 Filwaqt li kompliet b'dan ir-raġunament, hija enfasizzat, fil-punt 70 tal-imsemmija sentenza, li l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1975/2006 ma tista' tiġi interpretata fis-sens li, fl-ipoteżi fejn kontrolli amministrattivi jitwettqu bl-użu ta' informazzjoni li tirriżulta minn database affidabbli, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux iwettqu l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post. Fil-fehma tagħha, tali interpretazzjoni tinjora l-għan tal-kontrolli fuq il-post, li jikkonsisti b'mod partikolari f'li tiġi vverifikata l-konformità tal-informazzjoni kontenuta fid-databases stabbiliti mill-Istati Membri, konformement mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 1975/2006 u mal-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004.

28 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 71 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet ġustament qieset li l-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 kienu jimponu li kellu jitwettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post imwettqa konformement mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 1975/2006 u mal-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004.

29 Sussegwentement, hija ċaħdet, fil-punti 73 sa 82 tas-sentenza appellata, l-argumenti tar-Repubblika Franċiża, ibbażati fuq il-konformità mal-preskrizzjonijiet tar-Regolament Nru 1975/2006 tal-kontrolli implementati mill-awtoritajiet nazzjonali.

30 Għalhekk, fil-punti 73 sa 76 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument fis-sens li l-eżistenza ta' kontrolli fuq il-post imwettqa sabiex jistabbilixxu databases kienet teżenta lill-awtoritajiet Franċiżi milli jwettqu kontrolli fuq il-post ulterjuri skont l-Artikoli 12 *et seq* tar-Regolament Nru 1975/2006. Fil-fehma tagħha, l-argumenti tar-Repubblika Franċiża dwar l-affidabbiltà tad-database nazzjonali ma kinux rilevanti f'dan ir-rigward. Minn naħa, hija qieset li r-regoli fil-qasam tal-ġestjoni u tal-kontroll previsti minn dan ir-regolament kienu jikkostitwixxu miżuri speċifiċi f'dawn l-oqsma. Min-naħa l-oħra, hija kkunsidrat li l-verifiki mwettqa għall-istabbiliment ta' din id-database ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma kontrolli fuq il-post fis-sens tal-imsemmi regolament, billi dawn il-verifiki ma kinux intiżi sabiex jevalwaw il-kundizzjonijiet partikolari tal-miżuri insostenn tal-iżvilupp rurali, iżda sabiex jikkontrollaw l-annimali kollha ta' ażjenda għal liema hija prevista l-identifikazzjoni tal-bovini, konformement mar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Lulju 2000, li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 30, p. 248).

31 Fil-punt 81 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tmur kontra n-natura ta' kontinwità tal-kriterju tar-rata ta' tagħbija. Fil-fehma tagħha, għalkemm in-numru mitlub ta' UGB għandu jkun preżenti f'ażjenda matul is-sena kollha ta' referenza, minn dan madankollu ma jirriżultax li l-kontrolli fuq il-post previsti mir-Regolament Nru 1975/2006 ma jridux jitwettqu. Il-Qorti Ġenerali esponiet li l-għan ta' dawn il-kontrolli huwa li

jiġi vverifikat li l-informazzjoni kontenuta fid-databases li jservu sabiex jitwettqu kontrolli amministrattivi huma korretti u li dawn id-databases huma eżatti. Għalhekk hija rrilevat, fil-punt 82 tal-istess sentenza, li l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post kien jippermetti li jitwettqu l-kontrolli meħtieġa skont ir-Regolament Nru 1975/2006 u li tiġi żgurata l-konformità tad-databases għall-kalkolu tar-rata ta' tagħbija, anki jekk dan ma kienx jippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni l-parametru dwar iż-żmien tal-preżenza ta' annimali f'ażjenda jew b'mod preċiż dak dwar l-età tal-bovini.

32 Fil-punti 84 sa 89 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx it-tieni motiv tar-rikors.

33 Fil-punti 92 sa 110 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-ewwel parti tat-tielet motiv, li skontha l-applikazzjoni tal-korrezzjoni b'rata fissa għall-ovini li ma humiex eliġibbli għall-primjums tal-ovini kienet infondata sa fejn l-allegati nuqqasijiet tas-sistema ta' kontrolli fuq il-post kienu jirrigwardaw biss ovini li kienu s-suġġett ta' talba għal primjum tal-ovini.

34 Fil-punti 111 sa 114 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx it-tieni parti tat-tielet motiv.

35 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija applikat korrezzjoni finanzjarja fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna għall-iżvilupp rurali għall-ovini li ma kinux is-suġġett ta' talbiet għal primjums tal-ovini għas-snin finanzjarji 2008 u 2009 u ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

36 Ir-Repubblika Franċiża titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata sa fejn din ċaħdet l-ewwel motiv ta' annullament dirett kontra d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddeċiedi definittivament il-kawża billi tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija teskludi ċertu nfiq magħmul minnha dwar l-Assi 2 tal-programm ta' żvilupp rurali eżagonali għas-snin finanzjarji 2008 u 2009 jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq it-tilwima, u

— tirriżerva l-ispejjeż.

37 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell bħala parzjalment inammissibbli jew, tal-inqas, tiċħdu bħala infondat, u

— tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż tal-kawża.

38 Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tilqa' l-appell.

Fuq l-appell

39 Insostenn tal-appell tagħha, ir-Repubblika Franċiża tqajjem tliet aggravji.

40 L-ewwel nett, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma qajmitx *ex officio* l-motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-forom proċedurali sostanzjali minħabba li naqset milli tadotta d-deċiżjoni kkontestata f'terminu raġonevoli. It-tieni nett, sussidjarjament, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx kisret l-Artikoli 10 u 14

tar-Regolament Nru 1975/2006 meta imponiet li kellu jitwettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post. It-tielet nett, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-verifiki fuq il-post imwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni bovina jew tal-primjums tal-ovini ma kinux jikkostitwixxu kontrolli fuq il-post fis-sens tar-Regolament Nru 1975/2006.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

41 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, ir-Repubblika Franċiża, sostnuta mir-Renju ta' Spanja, issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma qajmitx *ex officio* l-motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-forom proċedurali sostanzjali, billi din tal-aħħar naqset, skontha, milli tadotta d-deċiżjoni kkontestata f'terminu raġonevoli. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Settembru 2014, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-192/13 P, EU:C:2014:2156), li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kienet obbligata tikkonforma ruħha ma' ebda terminu legali sabiex tadotta deċiżjonijiet dwar korrezzjoni finanzjarja. Ir-Repubblika Franċiża tqis li jekk il-Kummissjoni tkun tista' tadotta tali deċiżjonijiet mingħajr ma tkun marbuta b'ebda terminu, dan jikser mhux biss il-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba, iżda wkoll il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn il-partijiet, sa fejn l-Istati Membri huma, min-naħa tagħhom, suġġetti għall-osservanza ta' termini stretti.

42 Hija tal-fehma li l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 885/2006 jimponi neċessarjament fuq il-Kummissjoni li tiddeċiedi f'terminu raġonevoli wara li jitħejja r-rapport tal-korp ta' konċiljazzjoni.

43 Hija tqis li, sabiex tosserva terminu raġonevoli, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' approvazzjoni f'terminu massimu ta' sitt xhur li jibda jiddekorri mill-għeluq tal-proċedura ta' konċiljazzjoni.

44 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-Repubblika Franċiża.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

45 Ir-Repubblika Franċiża tirreferi b'mod partikolari għas-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-192/13 P, EU:C:2014:2156), sabiex tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali kellha tqajjem *ex officio* l-motiv ibbażat fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, għar-raġuni li l-Kummissjoni ma adottatx id-deċiżjoni kkontestata f'terminu raġonevoli.

46 Huwa minnu li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli proċedurali dwar l-adozzjoni ta' att li jikkawża preġudizzju, bħall-fatt li l-Kummissjoni ma tkunx adottat deċiżjoni fit-terminu stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali li l-qorti tal-Unjoni għandha tqajjem *ex officio* (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Settembru 2014, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-192/13 P, EU:C:2014:2156, punt 103; Spanja vs Il-Kummissjoni, C-192/13 P, EU:C:2014:2156, punt 103, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2015, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-549/12 P u C-54/13 P, EU:C:2015:412, punt 92).

47 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tal-fondi agrikoli, b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 885/2006, ma jistabbilixxix terminu li fih il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li ttemm il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet, b'tali mod li l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 45 ta' din is-sentenza ma tistax tiġi applikata.

48 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, ma kinitx il-Qorti Ġenerali li kellha tqajjem *ex officio* l-motiv ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti proċedurali.

49 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

50 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx kisret l-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 meta imponiet li jitwettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post.

51 L-ewwel nett, hija tqis li l-Qorti Ġenerali żnaturat l-argumenti tagħha billi kkunsidrat li hija kienet sostniet li l-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 ma kinux jimponu li jsiru kontrolli fuq il-post, filwaqt li qieset li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux jeħtieġu li jitwettaq l-għadd tal-annimali matul tali kontrolli. Hija tirrileva li ċ-ċirkulari ICHN tipprevedi li l-awtoritajiet Franċiżi jwettqu kontrolli fuq il-post u li, matul il-proċedura ta' approvazzjoni, il-Kummissjoni ma kkontestax li tali kontrolli kienu twettqu. Barra minn hekk, hija ssostni li ma kinitx allegat, kuntrarju għall-konstatazzjoni esposta fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li n-natura kompleta tal-kontrolli amministrattivi kienet tagħmel l-għadd tal-annimali fuq il-post superfluwu.

52 It-tieni nett, ir-Repubblika Franċiża ssostni li, fil-punti 65 sa 71 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi. Qabel kollox, hija żnaturat il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata, billi ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni. Għalhekk, ma jirriżultax minn din id-deċiżjoni li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-modalitajiet ta' kontroll implementati mill-awtoritajiet Franċiżi kienu rregolati mill-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 1975/2006 u mill-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 1975/2006 u l-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004, billi kkunsidrat li s-sistema ta' kontroll skont l-ICHN kellha tosserva l-modalitajiet ta' kontroll previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet, li japplikaw għall-kontroll ta' miżuri "relatati ma' l-annimali" u mhux għal miżuri "relatati mas-superfiċje". Issa, l-Artikolu 37(1) tar-Regolament Nru 1698/2005 u l-anness ta' dan ir-regolament kienu jipprevedu li l-ICHN huma miżuri "relatati mas-superfiċje" fis-sens tal-Artikolu 6(2)(a) tar-Regolament Nru 1975/2006.

53 Konsegwentement, l-obbligu li jitwettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post sabiex jiġi vverifikat il-kriterju tad-densità tal-bhejjem ma jistax tirriżulta mill-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 1975/2006 u mill-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004.

54 It-tielet nett, ir-Repubblika Franċiża ssostni li, fil-punti 66 u 69 sa 71 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma weġbitx b'mod suffiċjenti fid-dritt, meta ddeċidiet li t-twettiq ta' kontrolli amministrattivi abbażi ta' databases affidabbli ma kienx jeżenta lill-Istati Membri mill-obbligu tagħhom li jwettqu kontrolli fuq il-post, u b'mod partikolari mill-obbligu tagħhom li għalhekk iwettqu l-għadd tal-annimali matul tali kontrolli sabiex jivverifikaw il-kriterju tad-densità tal-bhejjem. Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1975/2006, li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata u li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx, jipprevedi li l-kontroll fuq il-post għandu jkopri l-impenji kollha li huma possibbli li jiġu kkontrollati fil-mument taż-żjara. Issa, għadd ta' annimali matul żjara ma jippermettix li tiġi vverifikata l-osservanza ta' dan il-kriterju li huwa espress f'UGB, jiddependi mill-età tal-annimali u jimponi l-osservanza ta' limiti medji matul sena partikolari.

55 Ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata kienet tiddependi wkoll minn jekk l-awtoritajiet Franċiżi kinux kisru l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1975/2006, li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu metodi u mezzi adattati sabiex jivverifikaw il-kundizzjonijiet

għall-għoti ta' kull miżura ta' sostenn. Id-database użata sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' tagħbija tippreżenta garanziji suffiċjenti ta' affidabbiltà sabiex tikkonkludi li l-użu tad-data li tirriżulta minnha tikkostitwixxi mezz adattat sabiex tivverifika l-għoti tal-ICHN. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali messha kkunsidrat li, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 10(2), dawn il-modalitajiet ta' kontroll jippermettu li tiġi żgurata b'mod adegwat l-verifika tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-ICHN, peress li l-kriterju tat-tagħbija ma huwiex, barra minn hekk, impenn li huwa possibbli li jiġi vverifikat permezz ta' għadd ta' annimali fil-mument taż-żjara.

56 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Repubblika Franċiża.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

57 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Franċiża tikkontesta, essenzjalment, l-eżistenza ta' obbligu ta' għadd tal-annimali matul kontrolli fuq il-post tal-ICHN. Issa, kif jirriżulta mill-punti 27 u 28 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li tali obbligu jirriżulta b'mod partikolari mill-applikazzjoni tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 1975/2006 u tal-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004, filwaqt li parti mill-argumenti tar-Repubblika Franċiża kienet speċifikament diretta kontra dan il-motiv tas-sentenza appellata.

58 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, fil-punti 59 sa 82 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat flimkien iż-żewġ partijiet tal-ewwel motiv tar-rikors għal annullament, sabiex tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1975/2006, b'mod partikolari l-Artikoli 10 *et seq* ta' dan tal-aħħar, kinux jimponu li jitwettaq l-għadd tal-annimali matul kontrolli fuq il-post.

59 Il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 64 tas-sentenza appellata, li "l-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 ma jipprevedux espressament li l-obbligu li jitwettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post". Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat, fil-punti 65 sa 67 ta' din is-sentenza, li dawn l-artikoli u l-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004 jillimitaw il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri dwar il-metodi u l-mezzi ta' kontroll fuq il-post tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti mill-benefiċjarji tal-għajnuna u dwar il-modalitajiet tal-implementazzjoni tagħhom.

60 Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, li l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1975/2006 ma tista' tiġi interpretata fis-sens li hija tawtorizza lill-awtoritajiet nazzjonali li ma jwettqux, f'ċerti każijiet, l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post. L-obbligu tal-għadd tal-annimali jirriżulta mill-applikazzjoni għall-kontroll tal-ICHN tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004 permezz tar-riferiment magħmul f'dan is-sens mill-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 1975/2006, bil-għan, b'mod partikolari, li tiġi vverifikata "il-konformità tal-informazzjoni kontenuta fid-databases wara li dawn ikunu ġew stabbiliti mill-Istat Membru".

61 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 71 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet ġustament qieset li l-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 kienu jimponu li jitwettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post.

62 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1975/2006 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu metodi u mezzi adattati sabiex jivverifikaw l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna għal kull miżura ta' għajnuna. Il-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu jillimita l-poter tagħhom f'dan ir-rigward billi jipprevedi li l-"verifika tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà għandha tikkonsisti f'kontrolli amministrattivi u fuq il-post".

63 Minn dan jirriżulta li l-Istati Membri huma obbligati jorganizzaw kontrolli fuq il-post sabiex jivverifikaw li l-benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li għalihom huma suġġetti dawn il-miżuri ta' għajnuna għall-iżvilupp rurali.

64 Issa, fost il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-kontrolli fuq il-post stabbiliti mir-Regolament Nru 1975/2006 hemm dak li jinsab fl-Artikolu 14(2) tal-imsemmi regolament, li skontu l-kontrolli fuq il-post għandhom ikopru l-impenji u l-obbligi kollha ta' benefiċjarju li jkun jista' jiġi kkontrollat fil-mument taż-żjara.

65 Madankollu, ir-Regolament Nru 1975/2006 ma jipprevedix il-modalitajiet preċiżi tal-kontrolli li l-Istati Membri huma obbligati jwettqu sabiex jivverifikaw li l-kriterji ta' ammissibbiltà tal-miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali jkunu osservati.

66 Madankollu, l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1975/5006 jispeċifika li dawn tal-aħħar għandhom jitwettqu konformement mal-Artikoli 29, 30 u 32 tar-Regolament Nru 796/2004, liema dispożizzjonijiet jirrigwardaw biss il-kontrolli fuq il-post fir-rigward ta' talbiet uniċi dwar skemi ta' għajnuna "relatati mas-superfiċje".

67 Għalhekk, l-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 796/2004. li jirrigwarda l-kontrolli fuq il-post dwar miżuri "relatati ma' l-annimali", ma jistax, bħala tali, japplika għall-kontrolli fuq il-post ta' miżuri "relatati mas-superfiċje" bħall-ICHN, u għalhekk l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

68 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, jekk il-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali juru ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv tagħha jidher fondat minħabba motivi ta' dritt oħra, l-appell għandu jiġi miċħud (sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Camar u Tico, C-312/00 P, EU:C:2002:736, punt 57, kif ukoll tas-26 ta' Marzu 2009, SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, C-113/07 P, EU:C:2009:191, punt 81).

69 Issa, f'dan il-każ, sabiex tilħaq il-konklużjoni li r-Repubblika Franċiża kellha l-obbligu li twettaq l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post, il-Qorti Ġenerali rreferiet ukoll għall-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006.

70 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, anki jekk il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relattiva għall-għoti ta' għajnuna u primjums ma timponix espressament fuq l-Istati Membri l-obbligu li jistabbilixxu miżuri ta' sorveljanza u modalitajiet ta' kontroll speċifiċi, jibqa' l-fatt li tali obbligu jista' jirriżulta, skont il-każ, impliċitament mill-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni, huma l-Istati Membri li għandhom jorganizzaw sistema effikaċi ta' kontroll u ta' sorveljanza (ara s-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 1990, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-8/88, EU:C:1990:241, punt 16; tal-14 ta' April 2005, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-468/02, mhux ippubblikata, EU:C:2005:221, punt 35, u tal-24 ta' April 2008, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-418/06 P, EU:C:2008:247, punt 70).

71 Issa, kif ġie rrilevat fil-punti 62 u 63 ta' din is-sentenza, jirriżulta mill-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 li l-Istati Membri huma obbligati jorganizzaw kontrolli fuq il-post sabiex jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mil-leġiżlazzjoni nazzjonali humiex osservati mill-benefiċjarji ta' dawn il-miżuri. B'mod iktar speċifiku, l-Artikolu 14(2) ta' dan ir-regolament jimponi fuq l-Istati Membri li jwettqu kontrolli fuq il-post li għandhom ikopru l-impenji u l-obbligi kollha ta' benefiċjarju, inklużi dawk li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali, li jkunu jistgħu jiġu vverifikati fil-mument taż-żjara.

72 F'dan il-każ, il-programm ta' żvilupp rurali eżagonali, kif ġie approvat mill-Kummissjoni, kien jipprevedi għall-finijiet tal-ammissibbiltà għall-ICHN, kriterju ta' tagħbija espress f'UGB u li huwa intiż sabiex jillimita d-densità tal-bhejjem preżenti fuq is-superfiċji għall-għalf sabiex jiġu evitati fenomeni ta' nuqqas ta' mergħa jew mergħa żejda. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom għalhekk, matul il-kontrolli fuq il-post, jiddeterminaw il-kriterju tat-tagħbija permezz tal-għadd tal-annimali preżenti fl-ażjenda fil-mument taż-żjara ta' spezzjoni, għadd barra minn hekk previst fil-punt 7.2 taċ-ċirkulari ICHN, sabiex jiġi vverifikat jekk dan il-kriterju kienx qiegħed jiġi osservat każ b'każ u, għalhekk, sabiex tiġi kkorroborata d-data li tirriżulta mill-kontrolli amministrattivi.

73 Konsegwentement, l-awtoritajiet Franċiżi kienu obbligati jwettqu, matul kontrolli fuq il-post, l-għadd tal-annimali.

74 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti l-oħrajn tar-Repubblika Franċiża ma humiex ta' natura li jqiegħdu fid-dubju s-sentenza appellata u għandhom jiġu ddikjarati ineffettivi. Dan jgħodd ukoll għall-argument li bih hija tqis li l-Qorti Ġenerali żnaturat l-argumenti tagħha billi kkunsidrat li hija kienet sostniet li l-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006 ma kinux jimponu li jsiru kontrolli fuq il-post, filwaqt li qieset li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux jeħtieġu li jitwettaq l-għadd tal-annimali matul tali kontrolli. L-istess japplika għall-argument li bih hija ssostni li ma kinitx allegat, kuntrarjament għall-konstatazzjoni esposta fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li n-natura kompleta tal-kontrolli amministrattivi kienet tagħmel l-għadd tal-annimali fuq il-post superfluwu.

75 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

76 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi, meta ddeċidiet fil-punti 73 sa 76 tas-sentenza appellata, li l-kontrolli fuq il-post imwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni bovina jew tal-primjums tal-ovini ma kinux jikkostitwixxu kontrolli fuq il-post fis-sens tar-Regolament Nru 1975/2006.

77 L-ewwel nett, hija ssostni li l-argument tagħha mqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, li skontu l-kontrolli fuq il-post li diġà twettqu taħt din il-ġestjoni ta' identifikazzjoni jew dawn il-primjums kienu jeżentaw lill-awtoritajiet Franċiżi milli jwettqu l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post, huwa bbażat fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269) u r-Regolament Nru 1975/2006. Minn naħa, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1782/2003 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jinkorporaw wieħed jew iktar mill-komponenti tas-sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-proċeduri tagħhom ta' ġestjoni u ta' kontroll bil-għan li japplikaw skemi tal-Unjoni jew skemi nazzjonali, sabiex jevitaw repetizzjoni ta' kontrolli settorjali tal-istess tip. Min-naħa l-oħra, jirriżulta mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006 li, sa fejn ikun possibbli, għandhom isiru fl-istess waqt il-kontrolli fuq il-post previsti fl-Artikoli 12, 20 u 27 ta' dan ir-regolament kif ukoll kontrolli oħra previsti fil-leġiżlazzjoni dwar is-sussidji agrikoli.

78 Minn dan ir-Repubblika Franċiża tiddeduċi li l-awtoritajiet Franċiżi kienu intitolati jikkontrollaw l-osservanza tal-kriterju tad-densità tal-bhejjem tal-għajnuna tal-ICHN fl-istess waqt li jikkontrollaw l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-primjums bovini u tad-dispożizzjonijiet relattivi għall-identifikazzjoni bovina. Għaldaqstant, hija tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-kontroll fuq il-post skont l-Artikoli 12 *et seq* tar-Regolament Nru 1975/2006 u l-kontroll fuq il-post għall-finijiet tal-istabbiliment tad-database ma jistgħux jitwettqu fl-istess waqt.

79 It-tieni nett, hija tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet tali żball ukoll meta kkunsidrat, fil-punti 73 u 74 tas-sentenza appellata, li fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 12 *et seq* tar-Regolament Nru 1975/2006, is-sistema ta' kontroll fuq il-post tal-għajnuna tal-ICHN kienet awtonoma u indipendenti mis-sistema ta' kontroll fuq il-post imwettqa fil-kuntest tal-identifikazzjoni bovina u tal-primjums bovini.

80 Ir-Repubblika Franċiża bl-ebda mod ma tikkontesta li dawn l-artikoli, li jirregolaw il-kontrolli fuq il-post ta' miżuri ta' għajnuna tal-ICHN, jikkostitwixxu regoli speċifiċi. Madankollu, hija tqis li ma jirriżultax mill-premessi 2 u 5 tar-Regolament Nru 1975/2006 li ż-żewġ tipi ta' sistemi ta' kontrolli fuq il-post huma indipendenti minn xulxin. Fil-fehma tagħha, dawn il-premessi jiddikjaraw li għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi ta' ġestjoni u ta' kontroll sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tal-iskemi ta' sostenn li jaqgħu taħt l-Assi 2. Issa, il-kontenut u l-kriterji ta' eliġibbiltà ta' dawn l-iskemi huma ddefiniti mill-Istati Membri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma tistax tistabbilixxi, f'dan ir-regolament, il-miżuri ta' kontroll speċifiċi li dawn tal-aħħar għandhom jimplementaw sabiex jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ta' kull miżura ta' għajnuna ddefinita fl-Assi 2.

81 Ir-Repubblika Franċiża hija tal-fehma li l-uniku għan tal-imsemmija premessi 2 u 5 huwa li jindika li r-regoli ta' ġestjoni u ta' kontroll previsti fil-kuntest tal-ewwel pilastru tal-politika agrikola komuni għandhom ikunu s-suġġett ta' aġġustament, li ma għandux jiġi interpretat li jeħtieġ li l-Istati Membri jiddupplikaw il-miżuri ta' kontroll diġà mwettqa fil-kuntest tal-kontroll tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ta' miżura oħra ta' għajnuna. L-implementazzjoni ta' kontrolli komplementari tkun neċessarja biss jekk il-kontrolli diġà mwettqa taħt miżura oħra ta' għajnuna ma jkunux biżżejjed sabiex jivverifikaw il-kundizzjonijiet kollha ta' eliġibbiltà tal-miżura li taqa' taħt l-Assi 2.

82 Ir-Repubblika Franċiża tikkunsidra li l-kontrolli mwettqa fil-kuntest tal-identifikazzjoni bovina u l-primjums bovini jippermettu li tiġi vverifikata r-rata ta' tagħbija tal-miżuri ta' għajnuna tal-ICHN. Fir-rigward tal-ovini, il-miżuri ta' kontroll komplementari ġew implementati, jiġifieri għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post.

83 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ewwel parti tal-aggravju hija inammissibbli, peress li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1782/2003 u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006 ssemmew mir-Repubblika Franċiża għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell.

84 Barra minn hekk, hija tqis li r-Repubblika Franċiża tagħmel interpretazzjoni żbaljata ta' dawn id-dispożizzjonijiet. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1782/2003 jiddisponi biss li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll użati għall-iskemi ta' għajnuna elenkati fl-Anness V ta' dan ir-regolament huma kompatibbli mas-sistema integrata u li jinsiltu ċerti konsegwenzi minnhom. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006, billi jsemmi l-kontrolli previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sussidji agrikoli, ma jikkonċernax il-kontrolli fuq il-post imwettqa għall-identifikazzjoni u għar-reġistrazzjoni tal-bovini. Huwa jipprovdi li dawn il-kontrolli għandhom isiru fl-istess ħin, li ma huwiex il-każ hawnhekk.

85 Il-Kummissjoni tikkontesta t-tieni parti tal-aggravju, billi tikkunsidra li r-Repubblika Franċiża ssostni li l-miżuri ta' għajnuna adottati fil-kuntest tal-iżvilupp rurali ma humiex suġġetti għall-obbligu tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, għar-raġuni li l-kriterji ta' eliġibbiltà tagħhom jaqgħu fil-qasam irriżervat għall-Istati Membri. Hija tirrileva li l-modalitajiet ta' kontroll fuq il-post imwettqa f'dan il-każ ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 1975/2006. Barra minn hekk, parti mill-argument imqajjem jikkostitwixxi aggravju ġdid.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

86 Permezz tat-tielet aggravju, ir-Repubblika Franċiża tikkontesta l-motivi tal-Qorti Ġenerali li jidhru fil-punti 73 sa 76 tas-sentenza appellata, li bihom hija kkunsidrat li l-eżistenza ta' kontrolli fuq il-post imwettqa għall-finijiet tal-istabbiliment ta' databases, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni bovina jew tal-primjums bovini, ma teżentax lill-awtoritajiet Franċiżi milli jwettqu kontrolli ġodda. Fil-fehma tagħha, ir-regoli fil-qasam ta' ġestjoni u ta' kontroll previsti mir-Regolament Nru 1975/2006 kienu jikkostitwixxu miżuri speċifiċi f'dawn l-oqsma u li l-verifiki mwettqa għall-istabbiliment tad-databases ma kinux jikkostitwixxu tali kontrolli, billi dawn ma kinux "intiżi

sabiex jevalwaw il-kundizzjonijiet partikolari tal-miżuri insostenn tal-iżvilupp rurali", iżda sabiex jikkontrollaw l-annimali kollha ta' ażjenda li għalihom hija prevista l-identifikazzjoni tal-bovini konformement mar-Regolament Nru 1760/2000.

87 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm ir-Repubblika Franċiża ssemmi l-primjums tal-ovini fit-test tat-tielet aggravju tagħha, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 74 tas-sentenza appellata, semmiet il-kontrolli fuq il-post imwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-primjums tal-bovini, li l-appell isemmi wkoll fl-argumenti insostenn ta' dan l-aggravju. Għaldaqstant, dan l-aggravju, fejn isemmi l-primjums tal-ovini, għandu jiġi ddikjarat inammissibbli minħabba nuqqas ta' preċiżjoni.

88 Madankollu, bħall-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, ir-Repubblika Franċiża tirreferi għall-ewwel darba, fl-istadju tal-appell, għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1782/2003 u għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006 sabiex issostni li l-kontrolli fuq il-post diġà mwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni bovina jew tal-primjums bovini kienu jeżentaw lill-awtoritajiet Franċiżi milli jwettqu l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post previsti minn dan ir-regolament tal-aħħar.

89 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, fir-rikors għal annullament tagħha, ir-Repubblika Franċiża kienet sostniet li l-kontrolli fuq il-post diġà mwettqa sabiex tiġi stabbilita d-database għall-finijiet tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni bovina jew tal-primjums bovini kienu jeżentaw lill-awtoritajiet Franċiżi milli jwettqu kontrolli fuq il-post skont l-Artikoli 12 *et seq* tar-Regolament Nru 1975/2006.

90 Għalhekk, billi invokat, fl-istadju tal-appell, l-applikabbiltà f'dan il-każ tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1782/2003 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006, ir-Repubblika Franċiża tindika l-bażijiet legali li jistgħu jkunu l-bażi tal-argument li kienet ippreżentat fl-ewwel istanza.

91 Issa f'tilwima, bħal f'dan il-każ, bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tapplika d-dispożizzjonijiet legali rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża, fl-ewwel istanza, għall-fatti li jiġu ppreżentati lilha mill-partijiet, u fl-istadju tal-appell, għall-motivi li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali wieġbet għall-argumenti ppreżentati quddiemha.

92 Peress li l-appell jikkontesta l-evalwazzjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punti 73 sa 76 tas-sentenza appellata, l-argument ibbażat fuq ksur mill-Kummissjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1782/2003 u tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006 ma jistax jitqies li huwa ġdid u għandu jiġi eżaminat fuq il-mertu.

93 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, minħabba n-natura ġenerali ħafna tal-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1782/2003, din id-dispożizzjoni hija irrilevanti sabiex tiddetermina jekk il-kontrolli fuq il-post diġà mwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni jew tal-primjums bovini kinux jeżentaw lill-awtoritajiet Franċiżi milli jwettqu l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fuq il-post previsti mill-Artikoli 10 u 14 tar-Regolament Nru 1975/2006.

94 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006 jipprevedi, espressament li, sa fejn ikun possibbli, il-kontrolli fuq il-post previsti fl-Artikoli 12, 20 u 27 ta' dan ir-regolament kif ukoll kontrolli oħra previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sussidji agrikoli, għandhom jitwettqu fl-istess waqt.

95 Huwa paċifiku li l-kontrolli fuq il-post li għandhom isiru taħt l-ICHN jaqgħu taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1975/2006.

96 Għalhekk, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006 jippermetti, bħala prinċipju, li l-Istati Membri jwettqu kontrolli fuq il-post taħt il-miżuri dwar l-użu sostenibbli tal-artijiet agrikoli, previsti fl-Artikolu 36(a) tar-Regolament Nru 1698/2008, bħalma huma l-ICHN, fl-istess waqt mal-kontrolli l-oħra previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sussidji agrikoli.

97 Minn dan jirriżulta li, wara li kkunsidrat, fil-punt 74 tas-sentenza appellata, li s-sistema ta' kontrolli fuq il-post li għandhom jitwettqu skont l-Artikoli 12 *et seq* tar-Regolament Nru 1975/2006 kienet awtonoma u indipendenti mill-kontrolli mwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni bovina jew tal-primjums bovini, mingħajr ma ddeterminat, minn naħa, jekk dawn il-kontrolli tal-aħħar kinux jikkostitwixxu kontrolli previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sussidji agrikoli, fis-sens tal-Artikolu 5(2) tal-imsemmi regolament, u, min-naħa l-oħra, jekk setgħux jitwettqu fl-istess waqt mal-kontrolli previsti fl-Artikoli 12 *et seq* ta' dan ir-regolament, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

98 Konsegwentement, mingħajr il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-parti l-oħra tat-tielet aggravju, l-ewwel parti ta' dan l-aggravju għandha tintlaqa' u, għaldaqstant, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

99 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, hija tista' tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

100 Dan ma huwiex il-każ f'dan il-każ.

101 Fil-fatt, it-tweġiba li għandha tingħata għall-kwistjoni jekk il-kontrolli mwettqa fil-kuntest tal-ġestjoni tal-identifikazzjoni bovina u tal-primjums bovini jikkostitwixxux kontrolli previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sussidji agrikoli, fis-sens tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1975/2006, tista' twassal, skont il-każ, sabiex il-Qorti Ġenerali jkollha teżamina mill-ġdid it-tieni parti tat-tielet motiv tar-rikors għal annullament, filwaqt li l-motivi tas-sentenza appellata relatati ma' din it-tieni parti ma ġewx ikkontestati fil-kuntest ta' dan l-appell.

102 Għaldaqstant, il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ispejjeż għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' April 2015, Franza vs Il-Kummissjoni (T-259/13, mhux ippubblikata, EU:T:2014:250), hija annullata.

2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Firem